# Santa Tereża

***ta' Ġesu***



Don Franġisku Alvarez de Cepeda filgħodu kmieni kien sejjer lejn il-belt ta' Avila, rieqed fuq il-bagħal. Fit-tbexbix, bejn id-dlam u d-dawl jilmaħ żewġt itfal jaħarbu minn quddiemu u jfittxu li jinħbew.

Don Franġisku, għalkemm ma kienx żgur, deherlu li għarafhom min huma. Niżel minn fuq il-bagħal biex imur jara. Malajr sabhom u għarafhom. Kienu Tereża de Ahumada, tifla ta' seba' snin u ħuha Rodrigo, it-tfal ta' ħuh Alfonso.

Kien pront qabadhom u ħadhom lura fid-dar ta' ħuh li flimkien ma' martu Beatrice u l-familja kollha kien mħassbin ferm x'kien ġara minn Tereża u Rodrigo. Laqgħuhom bil-ferħ u meta staqsewhom għax ħarbu u fejn kienu sejrin, Tereża baqgħet fommha sieket. Imma Rodrigo fetaħ qalbu u qal kollox. Kienu sejrin lejn Marahbe mijiet ta' mili l-bogħod biex jaqgħu taħt idejn il-Mori u b'hekk setgħu jmutu martri għal Kristu u imorru l-ġenna malajr. Tereża ma kienx irnexxielha l-ħsieb ta' moħħha. Kellha tibqa' id-dar ma' ħutha l-oħrajn. Għalhekk ġieha f'rasha li tmur spiss f'kamra li kellhom fil-ġnien biex toqgħod taħseb f'Alla.

Ta' tnax-il sena tilfet 'l ommha u għamlet din it-talba "Madonna, jien tlift lil ommi, kun int l-omm tiegħi". L-intelliġenza ta' Tereża kulma tmur bdiet tinfetaħ u kienet tħobb taqra kulma jaqa' taħt idejha. Tant kienu jogħġbuha r-rumanzi li ppruvat tikteb xi wieħed ukoll. Il-ħsieb tagħha li-tkun martri issa beda jtir mar-riħ, anzi bil-ħbiberija li kienet qabdet ma' kunġina daqsxejn fuq tagħha Tereża bdiet tiddandan naqra żżejjed. Missierha u oħta l-kbira Marija bdew jitħassbu fuqha. Flimkien qablu li jagħlqu lil Tereża f'monasteru sakemm tikber daqsxejn. Hija kellha sittax-il sena u ma riditx toqgħod bl-ebda mod mas-sorijiet. Imma biż-żmien bdiet tidra, sakemm kellha terġa' toħroġ minħabba li mardet sewwa.

Wara dan kollu, meta kellha għoxrin sena, wara li ħadet ħafna pariri u tablet kemm felħet qatgħetha li tidħol soru Karmelitana fil-Monasteru tal-Inkarnazzjoni li kien

www.fleurdelysparish.com

hemm f'Avila. Missierha ma riedx iħalliha tmur bl-ebda mod. Imma Tereża kienet deċiża li tingħata għal kollox lil Alla. Qabdet u telqet minn rajha u missierha meta ra hekk taha l-barka tiegħu.

Swor Tereża issa bdiet ħajja ta' talb u tagħkis u kienet tgħaddi siegħat sħaħ quddiem Ġesù' sagramentat. Riedet tkun għal kollox ta' Alla. Ġarbet ħafna mard imma qatt a qatgħet qalbha. Kienet titlob dejjem lil San Ġużepp, li lejh kellha qima kbira, biex jaqlagħlha l-fejqan. Tereża kienet tbati ħafna fil-karattru tagħha, daqqa kienet tkun kollha ħeġġa u daqqa kollha bruda mill-agħar. Għamlet ħabta tgħaddi ħafna żmien titħaddet fil-parlatorju mall-ħbieb li jiġu jarawha, u naqset ferm mill-ġibda lejn il-qdusija. Imma Kristu kien għażilha għalih.

Dehrilha flaġellat mal-kollonna u taħt xbihat oħra qiegħed ibati. Tereża baqgħet mistagħġba b'dawn id-deħriet u taħt it-tmexxija tal-konfessur tagħha patri Vincez Baron, Dumnikan, bdiet taqta' ħafna mit-tpaċpiċ żejjed fil-parlatorju u bdiet ħajja aktar ta' tagħkis. B'danakollu għaddiet snin twal f'nixfa spirtwali kbira. Il-qari tal-ktieb "IL-Qrara ta' Santu Wistin" għamilha ġid kbir u l-laqgħa li kellha ma' San Franġisk Borġa, Ġiżwita, ħeġġitha ferm. Imma l-ħsieb fuq dawk id-dehriet li kellha ta' Kristu – kienu tassew inkella tfixkil tad-demonju – ħawwadha mhux ftit. Min kien igħidilha ħaġa u min oħra. Is-sorijiet sħabha li kienu mat-tmenin fil-monasteru, meta saru jafu b'dawn id-dehriet, il-biċċa kbira minnhom ma emmnuhomx.

B'dana kollu Tereża ma kinitx tagħti każ wisq x'għid ħaddieħor. Fittxet biss li taħseb fuq Kristu msallab u li togħġbu f'kollox.

Fis-16 ta' Lulju 1560 waqt li kienet titħaddet ma xi sorijiet oħra, ġieha l-ħsieb li jfittxu li jgħixu aħjar il-ħajja reliġjuża kif kienet imfissra minn San Albert, mingħajr il-ħafna permessi li kien ta l-Papa Ewġenju IV fl-1432. Il-ħsieb ta' din ir-riforma għoġob lil xi sorijiet oħra għax il-ħajja tal-monasteru ma baqgħetx ta' ħeġġa kbira. Swor Tereża talbet il-parir ta' San Pietru ta' Alkantra li baqa' jgħinha sakemm miet.

Wara ħafna taħbit Sant Tereża rnexxielha tibda l-ewwel kunvent tar-Riforma Karmelitan fl-1562 u semmietu lil San Ġużepp. Hija sabet ħafna tfixkil fix-xogħol tar-riforma sakemm ir-Re ta' Spanja Filippu II indaħal għaliha u ddefendieha.

Biex turi l-bidla fl-ħajja tagħha biddlet ukoll isimha u minn Tereża de Ahumada bdiet tissejjaħ Tereża ta' Ġesù, li kif ħalliet miktub hi stess kien serqilha u nifdilha qalbha bl-imħabba.

Meta xi snin wara għadda f'Avila l-Ġeneral tal-Ordni Karmelitan, Ġwanni Battista Rubeo, approva x-xogħol tar-Riforma ta' Santa Tereża u taha l-barka tiegħu. Imbagħad wara Avila, Swor Tereża fetħet monasteru ieħor f'Medina tal-Campo. Din għall-ewwel kienet dar fqira mill-aktar . Waslet ma' sħabha, wara vjaġġ twil u iebes –

www.fleurdelysparish.com

f'nofs ta' lejl. Imma flok ma marret tistrieħ, bdiet tnaddaf u tirranġa, u filgħodu kulħadd baqa' mistagħġeb jisma' l-qanpiena ddoqq għall-kor fil-monasteru l-ġdid. Tereża bit-tħabrik tagħha bla heda rnexxielha tiftaħ monasteri oħra f'Toledo, Malagar, Vallpolid, Rio dell'Olma, Duravelo, Sgovija u f'ħafna postijiet oħra. Irnexxielha wkoll li tipperswadi lil San Ġwann tas-Salib li jagħmel l-istess riforma fost il-patrijiet. Patri Ġwann tas-Salib għamel żmien kappillan tas-sorijiet u bit-taħbiet ma' Swor Tereża xorob minnha l-Ispirtu tar-riforma Karmelitana li mbagħad nissilha wkoll fost il-patrijiet.

Santa Tereża għaddiet minn ħafna tiġrib għax mhux kulħadd kien ta' l-istess fehma tagħha. Ħafna, forsi mhux bi spirtu sinċier biżżejjed, għamlulha ħafna persekuzzjonijiet, sa riedu jipproċessawha għall-"Ħajja tagħha stess" li hija kitbet biex tobdi lill-konfessur tagħha. Ġarrbet ħafna anke meta għamluha superjura tal-monasteru ta' Avila u aktar u aktar minħabba li xi wħud ma ridux ir-Riforma li kienet qiegħda tagħmel Swor Tereża. Iżda fl-aħħar kellha l-faraġ li fit-22 ta' Ġunju 1580 tirċievi mingħand il-Papa Gregorju l-approvazzjoni tar-riforma li kienet għamlet fil-ħamsa u għoxrin sena li għaddiet tivvjaġġa bla heda ma' Spanja kollha.

Santa Tereża ta' Ġesù barra l-ktieb tal-ħajja tagħha stess, kitbet ukoll il-ktieb tal-Fundazzjonijiet li fih tirrakonta x-xogħol li għamlet għat-twaqqif tal-monasterji tagħha, il-ktieb imsejjaħ it-Triq tal-Perfezzjoni u l-Kastell Interjuri, barra ħafna ittri u pariri oħrajn.

Din il-qaddisa ttajret lejn is-sema fl-4 ta' Ottubru 1582. Hija ġiet imxandra qaddisa flimkien ma' Sant'Injazju ta' Lojola u ma' San Franġisk Saverju mill-Papa Gregorju XV fl-1622. Waqt li l-Papa Beatu Pawlu VI għamilha Duttur tal-Knisja fl-1970.

Il-festa ta' Santa Tereża ta' Ġesù taħbat fil-15 ta' Ottubru.

**www.fleurdelysparish.com**

Find us on

***fleurdelysmalta.parish***

*Ritratt: Pittura ta' Santa Tereża ta' Ġesu, xogħol ta' Joseph Cauchi fuq bandalora li tkun armata fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu fi Fleur-de-Lys.*

www.fleurdelysparish.com